**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 256 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Paul Attard**

Illum 25 t'Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Paul Attard, ta' 39 sena bin Alfred u Emily nee Bonello, imwieled Pieta, fit-30 ta` Settembru 1978, u li joqghod 48, Triq San Trofimu, Rabat, Malta detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 475978 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F`dawn il-gzejjer, fit-23 ta` Awwissu, 2013, xjentement ittentajt tesporta minn dawn il-gzejjer zewg jetskis tal-marka SEADOO bin-numru tas-serje AA-8856 ZZN1671016975879 u GT1115 CAYDV22547C11, bil-bastiment MV Leca Nord, liema esportazzjoni kienet suggetta ghal limitazzjoni jew ghat-tharis ta` kondizzjonijiet.

Dan bi ksur tal-artikoli 59 (2) u 62 (1) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, tal-Ligijiet ta` Malta.

Iz-zewg jetskis in kwistjoni gew maqbuda mid-Dwana bin-nota ta`qbid: 64/2013.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-18 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 59 (2) u 62 (1) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib u iddikjarat lill-imputat Paul Attard hati tal-imputazzjoni kif dedottta u ikkundannat:

1. Ghall-piena tal-multa fis-somma ta' €600 li terz minnha ossia €200 huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur Generali (Dwana); il-bilanc ossia €400 ghandu jithallas skond il-ligi.
2. Ghall-piena ta` xahrejn (2) prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2 yrs) millum.
3. Tordna wkoll il-konfiska skond il-ligi tal-jet-skies elevati u maqbuda bin-nota ta' qbid 64/2013.

Il-Qorti spjegat lil **Paul Attard**, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikoli 28 A u 28 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

> Rat ir-rikors tal-appellanti Paul Attard minnu pprezentat fit-3 ta' Gunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Stante n-nullita' tas-sentenza appellata, *ossia* fid-dawl tal-aggravju ' A' , thassar l-istess u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-*doppio esame;*

   jew

2. Fl-eventwalita' li l-aggravju ' A' u kwindi l-ewwel (1) talba ma tigix akkolta, li tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

   a) Fid-dawl tal-aggravju ' B' , thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal- imputazzjoni dedotta kontrih u b' hekk tilliberah minnha, <u>**jew**</u>;

   b) Alternattivament, fid-dawl tal-aggravju ' C' , tvarja l-piena erogata b' wahda iktar ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi li jsawwru l-kaz odjern.

Rat Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-sewgenti:

A. <u>**Nullita' tas-Sentenza Appellata a tenur tal-Art. 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – Sejbien ta' Htija taht artikolu tal-Ligi Inezistenti**</u>

L-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

> "Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub

> hati, taghti l-piena **u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**." [sottolinejar tal-appellant].

Minn qari akkurat tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jemergi li ghal validita ta' sentenza, jinkombi fuq il-Qorti li fl-istess sentenza:

1. Issemmi l-fatti li taghhom l-imputat instab hati;
2. Issemmi l-piena erogata; u
3. Issemmi dawk l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw r-reati li taghhom gie misjub hati l-imputat.

*A contrario sensu* jsegwi illi jekk sentenza tonqos milli ssemmi xi wiehed jew aktar mill-elementi hawn fuq imsemmija, l-istess sentenza ma tkunx wahda legalment valida u ghandha tigi ddikjarata nulla u bla effett.

Fil-parti disposittiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti ccitat, skorretement, l-artikolu 62(1) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta – liema artikolu tal-ligi ma jezistix.

Ma hemmx dubbju li fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti riedet ticcita l-**artikolu 62(l) ( elle)** u mhux l-**artikolu 62(1) ( wiehed)** u kwindi jemergi li l-Ewwel Qorti ccitat hazin il-ligi li dwaru nstabet htija.

Dan, fl-umli fehma tal-appellant jaghti lok ghal nullita' li mhix sanabbli.

In sostenn tal-premess, l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ' **<u>Il-Pulizija v. John Sultana</u>**' moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1] nhar it-2 ta' Marzu 2001 fejn inghad hekk:

> "S' intendi jekk l-artikolu tal-ligi citat fis-sentenza jkun jew inezistenti jew jigi citat artikolu b' iehor, dan ikun daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma giex indikat. Hekk jidher li gara f' dan il-kaz; l-Artikolu 338(zz) tal-Kodici Kriminali ma jezistix. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa l-Artikolu 338(z). Kif gie dejjem ritenut minn din il-Qorti, tali difett jammonta ghal nuqqas ta' formalità sostanzjali b' mod li jkun applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali."

*Di piu* ssir referenza ghas-sentenza moghtija nhar l-14 ta' Novembru 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[2] fl-ismijiet ' **<u>Il-Pulizija v. Kenneth Borg</u>**' fejn gie ritenut illi:

> *"Huwa minnu illi l-Artiklu kkwotat mill-Magistrat 45 (1) (d) tal-Kap 399 ma jezistix, hu ovvju illi l-Magistrat kellu jnizzel 35A tal-Kap 399. Il-Qorti tqis dan l-izball bhala lapsus tal-Magistrat illi forsi kien distratt sforz l-ghagla jew il-pressjoni ta' xoghol anke bl-ammont ta' kawzi u nies jistennew fl-Awla illi dak il-hin facli tiehu zball bhal dan, però tajjeb jew hazin zball bhal dan dejjem gie meqjus bhala nuqqas ta' formalità sostanzjali li jgib mieghu n-nullità tas-Sentenza appellata,*

[1] per Onor. Imhallef Vincent De Gaetano.
[2] per Onor. Imhallef Michael Mallia.

*hekk qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Camilleri tas-16 ta' Gunju 1995, ' L-indikazzjoni zbaljata ta' l-Artiklu tal-Ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekkwiparat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti ma nuqqas ta' tali ndikazzjoni ghal finijiet ta' l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan in-nuqqas ta' formalità sostanzjali li jgib bhala konsegwenza n-nullita tas-Sentenza appellata u smieh mill-gdid fil-meritu tal-kawza minn din il-Qorti mit-termini tal-Artiklu 428(3)."*

Is-sejbien ta' htija ghandu jkun cirkoskritt, preciz u identifikat u dan ' *ad validitatem'* , altrimenti ssegwi n-nullita' tas-sentenza appellata u dana ghaliex fl-umli fehma tal-appellant l-ezistenza ta' ' *lacunae*' li jaghtu lok ghal kongetturi twassal ghal nullita' .

In vista' tal-fatt li fil-parti decizorja tas-sentenza appellata gie ccitat artikolu tal-ligi li ma jezistix, l-istess sentenza ma tirrispekjax *in toto* l-estremi tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi l-appellant jikkontendi li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett.

B. **<u>Dwar l-Apprezzament tal-Provi</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghal dak ta' qablu.

B.1. **Gharbiel Gudizzjarju monk**

In linea preliminari, wiehed ma jistax ma jsemmix li kontestwalment ma' dan il-procediment penali, l-appellant intavola proceduri civili

quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Rikor Nru. 1193/13/1 AF) sabiex jikkontesta u jimpunja n-nota ta' qbid bin-numru 64/2013 li biha gew konfiskati mid-Direttur tad-Dwana il-*jet-skis* de quo. Tali proceduri inghalqu definittivament b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)[3] nhar it-30 ta' Marzu 2022.

Ghandu jinghad u jigi mfakkar li fl-atti ta' dawn il-proceduri, ebda' parti mill-procediment civili su riferit ma giet esebita – inkluz is-sentenza rispettivament moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mill-Qorti tal-Appell Civili (Sede Superjuri).

B' danakollu, bi ksur flagranti tal-massima legali ' *quod non est in actis, non est in mundo'* , l-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li mhux biss ghandha tiehu semplici *judicial notice* tal-ezitu finali ta' dan il-procediment civili izda addirittura qabbdet id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) *lock, stock and barrel,* ghamlitha taghha u kwindi sejset *in parte* il-gudizzju u l-konvinciment morali taghha f' dawn il-proceduri penali, fuq tali sentenza civili.

Ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb, l-appellant qieghed jirreferi ghal pagna 3 tas-sentenza appellata, fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti testwalment irriteniet hekk:

> *"Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rizultanzi processwali u dana wkoll fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili (Sede Superjuri – Rik Nru. 1193/13/1 AF) moghtija nhar it-*

[3] per S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor. Imhallef Joseph R. Micallef u Onor. Imhallef Tonio Mallia.

*30 ta' Marzu 2022 fil-kawza fl-ismijiet ' Paul Attard v. Direttur Generali (Dwana)' .*

*Din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tiddikjara minghajr tlaqlieq li kemm l-interpretazzjoni tal-fatti (liema fatti huma l-istess kif jirrizultaw f' dan il-procediment kriminali), kif ukoll l-enuncazzjoni tal-Ligi, maghmula mill-Qorti tal-Appell Civili (Sede Superjuri), huma ineccepibbli **u din il-Qorti taghmilhom taghha**."* [sottolienjar tal-appellant]

B' kull dovut rispett, b' dan l-ezercizzju konfuzjonarju l-Ewwel Onorabbli gabet fix-xejn ghad ta' principji bazilari inkluz ir-regola mhaddna fl-artikolu 6 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tesigi li azzjoni kriminali u azzjoni civili jitmexxew independetement wahda mill-ohra u kwindi ma jimpingux fuq xulxin.

Filwaqt li huwa minnu li l-proceduri odjerni u dawk civili supra-indikati jiccirkondaw fuq l-istess fatti, il-provi mressqa fil-procediment civili kienu b' kull rispett differenti minn dawk li ngiebu mill-Prosekuzzjoni f' din il-kawza u b' hekk, il-paraguni huma odjuzi u odjuzi ferm.

Odjuzi principarjament ghaliex fi kwistjonijiet ta' indoli civili, anke in forza tal-artikolu 77 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta stess, huwa l-persuna li jaghmel it-talba ghar-rilaxx li ghandu jressaq il-prova li t-talba tieghu hija gustifikata. Huwa *di fatti* fi proceduri civili li jinkombi fuq l-appellant li jikkonvinci lill-Qorti li *jet skis* ma kinux ser jigu esportati llegalment.

Hawnhekk pero' ma hux il-kaz. F' kazijiet kriminali, dan ix-*shifting of the burden of proof* ma jiskattax u jibqa' jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-allegazzjonijiet reklamati fic-citazzjoni – li f' dan il-kaz ma hix biss li l-appellant qua kaptan tal-bastiment MV Lece Nord naqas li jinkludi fil-manifest tat-tghabija jew provvisti l-*jet-skis* de quo izda wkoll li xjentement ittanta jesporta l-istess *jet-skis*.

Proprju in vista ta' dawn ir-regoli procedurali distintivi u varjanti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellix tistrieh fuq dak emanenti mill-ezitu tal-proceduri civili li tmexxew konstestwalment. Huwa principju ultra bazilari u mifghum anke minn min ma huwiex legalment tekniku li Qorti, specjalment ta' kompetenza kriminali, ghandha, in linea mal-massima legali *quod non est in actis non est in mundo*, tibbaza l-gudizzju taghha fuq il-provi ammissibbli prodotti in atti u mhux fuq fatti estraneji ghall-process. Hija proprju ghal din-raguni li s-sentenza appellata ma hix *safe and satisfactory* sabiex tigi kkonfermata fi stadju ta' appell.

B.2. **Konkluzjonijiet derivanti minn assunzjonijiet u supposizzjonijiet**

Jerga jigi mfakkar li l-appellant ma giex limitatment mixli (u *in segwitu* misjub hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti) talli naqas li jinkludi l-*jet-skis* de quo fil-manifest tat-tghabija a tenur tal-artikolu 59(2) tal-Kap. 37 izda wkoll ta' tentattiv ta' esportazzjoni taht l-artikolu 62(l) tal-istess Kap. 37.

Issa, tqalleb kemm tqalleb in atti, wiehed ser jintebah li prova wahda, diretta jew indiretta, li turi li dawn il-*jet-skis* kienu effettivament intizi ghall-esportazzjoni, ma hemmx.

Tant hu hekk li meta l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Rennie Stivala ha l-pedana tax-xhieda fl-udjenza mizmuma nhar it-13 ta' Mejju 2019, huwa stess donnu kkonceda li l-imputazzjoni ta' tentattiv ta' esportazzjoni inharget biss ghax id-Direttur tad-Dwana hekk talab fil-*letter to prosecute*:

> "**Xhud:** ... Jiena mxejt fuq dak li talbuni d-dwana irrizulta li [l-*jet-skis*] kienu fuq il-bastiment u ma kienux fuq l-ebda' lista.
> **Difiza**: Pero' l-istruzzjonijiet kienu biex tmexxi kontra s-Sur Attard talli kien qed jittanta jesporta."
> **Xhud**: yes, kif qeghda ezatt l-akkuza jien irrid nimxi proceduri kriminali fuq talba tad-dwana kif jitolbu d-dwana."[4]

Anke sahanistra l-ufficjali tad-Dwana li xehdu fil-mori tal-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, inkluz Carmel Attard, Christopher Galea u Lawrence Cutajar tefaw dawl biss fuq il-fatt li z-zewg *jet-skis* de quo ma kienux elenkati fil-manifest tat-tghabija u waqfu hemm.

Kwindi, kull konkluzjoni, jew ahjar; inferenza, li l-appellant qua kaptan kellu l-hsieb li jesporta dawn iz-zewg *jet-skis* lejn il-Libya hija misluta biss mill-fatt li l-istess *jet-skis* ma kienux mnizzla fil-manifest tat-tghabija. Xejn aktar u xejn izjed.

[4] Fol. 111 – 112.

Konkluzjoni bhal dan ma hi xejn ghajr assunzjoni – u fil-kamp penali assunzjonijiet u kongetturi ma jgorru ebda' valur probatorju.

Kwindi semmai, jekk b' tigbid tal-imaginazzjoni u ghall-grazzja tal-argoment biss kellha tigi riskontrata xi forma ta' htija, dan kellu jsir biss in kwantu n-nuqqas li li l-appellant naqas li jsemmi l-*jet-skis* fil-manifest tat-taghbija u/jew fl-elenku tal-effetti personali.

Pero' l-*jet skis* la kienu jikkostiwixxu oggett jew taghbija ta' merkanzija u lanqas provvisti u ghalhekk ma kien hemm l-ebda htiega li jigu dikjarati u lanqas kellu japplika l-Artikoli 59(2) tal-Kap.37.

l-appellant filfatt offra spjegazzjoni shiha u kongruwenti ghaliex huwa ma nizzilx dawn l-opri tal-bahar fil-lista' tat-tghabija – u tali spjegazzjoni hija sorretta minn firxa ta' provi ammissibbli ohra in atti.

Kemma *a tempo vergine* fl-istqarrija minnu rilaxxata u kif ukoll meta' huwa ha l-pedana tax-xhieda fil-mori ta' dawn il-proceduri sabiex jiddeponi sahaq li dawn iz-zewg *jet-skis* kienu oggetti tieghu personali, kienu ilhom abbord il-bastiment ghal numru ta' xhur u kien biss juzahom, flimkien mal-bqija tal-membri tal-ekwipagg, ghall-skopijiet ta' divertimenti fil-portijiet tal-Libya.

Tant hu hekk li kif anke diversament ikkonfermat mill-Ufficjal Prosekutur, l-appellant ha hsieb iforni kull dokumentazzjoni relattiva sabiex juri li l-imsemmija *jet-skis* kienu proprjeta' tieghu personali.

Din il-verzjoni ma giet fl-ebda' waqt kontradetta mill-provi u x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, anzi bil-kontra giet msahha.

Ghaliex? Proprju ghaliex il-Prosekuzzjoni stess weriet, tramite d-deposizzjonijiet ta' David Debattista u Vincent Camilleri ta' nhar is-26 ta' Marzu 2018, li filfatt l-appellant kien xtara dawn il-*jet-skis* fil-kapacita' tieghu personali u kwindi kienu bcejjec tal-bahar personali tieghu.

Nhar is-26 ta' Marzu 2018 hadu wkoll il-pedana tax-xhieda Dr. Robert Vassallo u Michael Savona rispettivament fil-kapacita' taghhom ta' Senior Manager Legal EU and International Affairs fi hdan id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting gewwa Transport Malta u ta' Registratur fid-Dipartiment tal-Basitmenti Merkantili ta' Transport Malta li filwaqt li kkonfermaw li z-zewg *jet-skis* de quo ma kienux gew registrati taht l-*ismall ships register* jew taht il-bandiera Maltija, ikkonfermaw li jekk opra tal-bahar, f' dan il-kaz *jet-skis*, ma humiex ser jintuzaw fl-ibhra Maltin, ma jkunx hemm il-htiega li jigu registrati.

Dawn il-fatturi wkoll jikkombaccjaw bis-shih il-verzjoni moghtija mill-appellant li dawn il-*jet-skis* kienu biss jintuzaw fil-portijiet tal-Libya u mhux fl-ibhra territorjali Maltin u kwindi htiega ta' registrazzjoni f' Malta ma kienx hemm.

Fl-isfond tal-premess kollu, l-appellanti umilment ihoss li gialadarba l-verzjoni tieghu hija wahda konsistenti u ma hix meruta bi provi ohra kuntrarji – anzi bil-kontra sorretta u msahha bi provi korrobatorji, ma kien hemm ebda' raguni valida fil-ligi ghaliex l-istess verzjoni ma tigix

emmnuta jew li tigi skarata mill-Ewwel Onorabbli Qorti bhala wahda mhux kredibbili u inverosimili.

Ma hemmx dubbju, fl-umli fehma tal-appellant, li bil-verzjoni tal-appellant, ironikament ben korroborata minn provi tal-Prosekuzzjoni stess, id-difiza irnexxilha sodifacentament tirribadixxi, fuq bazi ta' probabbilitajiet, it-tezi tal-Prosekuzzjoni – tezi mifnija b' incertezzi u dubbji.

Skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda pacifika, ikun perikoluz u fermament detrimentali ghad-drittijiet fondamentali tal-individwu li kieku l-Qrati Kriminali taghna jibdew jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

F' dan il-kaz ma jidhirx biss li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-porvi billi sejset il-gudizzju taghha fuq supossizzjonijiet izda addirittura gibdet linja dritta u sfaccjatament ghamlet taghha decizjoni li hija legalment estraneja ghall-dawn il-proceduri – ezercizzju dan inkompatibbli ma' kull principju ta' dritt ben imhaddan fil-kamp penali.

Ghaldaqstant l-appellant jikkontendi li stante li mir-rizultanzi processwali jezistu dubbji cari dettati mir-raguni, tali incertezzi ghandhom iwasslu ghal-liberatorja tal-appellant. L-appellant jishaqq li l-provi migjuba fil-konfront tieghu zgur li ma humiex bizzejjed sabiex jeliminaw id-dubbji dettati mir-raguni kif inhu rikjest sabiex tinstab htija f' individwu fil-kamp penali.

C. **<u>Dwar il-Piena Erogata</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti u ghandu jigi kkunsidrat biss fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tiskarta l-istess aggravji.

C.1. **L-Element ta' Proporzjonalita' bejn ir-Reat u l-Piena Nflitta**

Jigi *in primis* mfakkar li salv ghall-*jet-skis* misjuba fuq il-pruwa tal-bastiment MV Leca Nord, it-tghabija kollha kienet debitament dikjarata u mnizzla fil-manifest tat-tghabija. Nuqqasijiet ohra ma nstabux.

Jigi mfakkar ukoll li l-kominar ta' piena ta' prigunerija sospiza mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma sarx frott it-tghabija tal-*jet-skis* li ma kienux dikjarati izda sar in forza tal-pieni mfassla fl-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta – ossia fuq l-allegazzjoni mhux provata mill-Prosekuzzjoni li l-intendiment tal-appellant kien li jesporta dawn l-opri tal-bahar.

L-appellant ma jistax f' dan l-isfond ma jistaqsix, il-piena ta' prigunerija ghal zmien xahrejn sospizi ghal sentejn kienet wahda proporzjonata ghal nuqqas li fic-cirkostanzi ghandu jitqies bhala ' ckejken' ?

L-appellant, bhal kull persuna ohra tas-socjeta' , ghandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fondamentali tieghu li ghandhom jigu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* huwa hati.

Ghaldaqstant, l-appellant m' ghandux ikun soggett ghal piena harxa u sproporzjonata. F' cirkostanzi fejn huwa jigu soggettat ghal piena sproporzjonata, jkun hemm lezjoni tad-drittijiet tieghu.

L-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula illi: *' Is-severità tal-piena m' ghandhiex tkun sproporzjonata ghar-reat.'*

*Di piu,* l-artikolu 52 tal-istess dokument ikompli jispjega li:

> *"Kull limitazzjoni fl-ezercizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta ghandha tkun prevista mil-ligi u ghandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla hsara ghall-principju ta' proporzjonalità, jistghu jsiru limitazzjonijiet f' dawk il-kazijiet biss fejn ikun mehtieg u fejn genwinament jintlahqu l-objettivi ta' interess generali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-htiega li jigu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ohrajn."*

L-istess Linji Gwida tal-Kunsill Ewropew jelenkaw, fl-artikolu 52, erba' elementi:

1. *Il-limitazzjoni trid tohrog mil-ligi;*
2. *Tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet;*
3. *Jissodisfa l-interess generali jew jipprotegi d-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn;*
4. *Tkun suggett ghal principju tal-proporzjonalita`.*

Sabiex wiehed jistabilixxi jekk piena tosservax il-principju tal-propozjonalita' jezistu diversi ezamijiet. Fil-fatt, **<u>il-Linja Gwida tal-</u>**

**<u>Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta' Drittijiet Fundamentali</u>** jispjega li "*the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued*".

Issa, ghalkemm il-kalibrar tal-piena jaqa' taht il-kompetenza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, madanakollu tali piena xorta' wahda jehtieg li tkun wahda proporzjonata. Dan johrog bic-car fil-kaz: ***Ute Reindl, ipprezentat minn MPREIS Warentvertriebs GmbH v. Bezirkshauptmannschaft Innsbruck***, deciza nhar it-13 ta' Novembru 2014, fejn il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet hekk:

> "*According to settled case-law, whilst the choice of penalties remains within their discretion, Member States must ensure that infringements of EU law are penalised under conditions, both procedural and substantive, which are analogous to those applicable to infringements of national law of a similar nature and importance and which, in any event, make the penalty effective, proportionate and dissuasive. In the present case, the measures imposing penalties permitted under the national legislation at issue in the main proceedings must not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued by that legislation…*"

Fil-fatt, hekk kif jghid tajjeb l-awtur **Profs. Dr. Albin Eser** fil-kitba ntitolata ***' Human Rights Guarantees for Criminal Law and Procedure in the EU-Charter of Fundamental Rights***' :

> "*On the judicial level the penalty must not be disproportionate to the offence. At this level both the objective severity of the*

> *wrong and the individual severity of blame- worthiness have a particular meaning. In every single case it has to be examined whether the imposition of a criminal sanction is required in order to reach the general purpose of punishment and whether the importance of the objects of legal protection are in a proportionate relation to restrictions on the rights of the person concerned."*

Fil-kaz odjern, apparti kull konsiderazzjoni ta' proporzjonalita' , l-appellant jemmen ukoll li jekk kellha tigi kominata piena, tali piena kellha tirrispekja l-element ta' necessita' u b' hekk kellha tkun wahda miti u *de minimis.*

Illi l-appellant umilment jitolbu illi ai fini ta' piena, dawn il-fatturi kollha jitpoggew fil-perspettiva shiha tas-sitwazzjoni u jekk il-htija tieghu tigi kkonfermata minn dina l-Onorabbli Qorti, l-istess appellant umilment jemmen li tali piena ghandha tkun wahda de *minimis*.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tippronuncja ruhha fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant u cioe' dak li jirrigwardja n-nullita' tas-sentenza appellata a tenur tal-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant qieghed isostni illli l-Ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tieghu taht artikolu tal-Ligi inezistenti meta din iccitat l-Artikolu 62(1) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta minflok l-Artikolu 62(l) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*' Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun ġie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi ohra li tkun tikkontempla r-reat.' (Emfażi miżjuda)*

Illi ghalhekk skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l- piena w **ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[5]"; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[6]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[7]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[8]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[9]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[10] "u ohrajn).

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri**[11]" annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

*'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal- Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li*

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settmbru 2002.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta' April 2002.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2005.
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar 2006.
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu 2008.

*suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m' ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela**[12]" gie kkunsidrat li:

*'osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti, minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fissentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.'*

Illi inoltre fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[13]' gie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), **li ma jezistix fil-Kodici Kriminali**, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic- citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006.
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 t' Awwissu, 2006.

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon u ohrajn**[14]) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)'*

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'** ikkunsidrat ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius u ohrajn**) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

Illi f'dan il-kaz, kif diga gie ritenut *supra*, L-Ewwel Qorti, fid-decide, minflok iccitat l- Artikolu 62(l) (elle) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ccitat l-Artikolu 62(1) ( wiehed) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma jezistix.

Illi pero' dan ma jwassalx ghall annullament tal-procedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti izda n-nullita' hija limitata biss ghas-sentenza u kull parti

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 t' Ottubru, 2005.

ohra precedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa w ghalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terga tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpogga mill-gdid fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*"doppio esame"*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur